MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-2 ta' Frar, 2007

Numru 560/2002/1

**Anne Fiona maghrufa bhala Fiona u Dirk konjugi Dowling**

**vs**

**Paul Caruana**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fis-16 ta` Mejju, 2002, li in forza taghha, wara li ppremettew illi:

Fil-lejl ta` bejn it-30 u l-31 ta` Awissu, 2000, ghall-habta tal-kwarta ta` qabel nofs il-lejl fit-Triq St. Andrews f`Bahar ic-Caghaq, waqt li l-attrici Anne Fiona maghrufa bhala Fiona Dowling kienet qed issuq il-vettura tat-tip Wolkswagen Polo bin-numru ta` registrazzjoni ABF 517, proprjeta` tal-atturi konjugi Dowling, hi sfat milquta mill-

vettura tat-tip BMW bin-numru ta` registrazzjoni barrani OO 445699 misjuqa mill-konvenut;

B`konsegwenza ta` dan l-incident l-atturi sofrew danni ingenti inkluzi danni rizultanti minn dizabilita` permanenti li sofriet l-attrici Anne Fiona Dowling u danni fil-karozza proprjeta` tal-atturi;

L-incident u l-konsegwenzjali danni fuq imsemmija graw unikament tort tal-konvenut minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u/jew nuqqas ta` osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

Nonostante li l-konvenut gie nterpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta` danni, huwa baqa` inadempjenti;

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

(1) Tiddikjarah responsabbli ghal fuq imsemmi incident stradali li gara fil-lejl ta` bejn it-30 u l-31 ta` Awissu, 2000, ghall-habta tal-kwarta ta` qabel nofs il-lejl fit-Triq St. Andrews f`Bahar ic-Caghaq;

(2) Tillikwida, okkorrendo bl-opra ta` periti u esperti nominandi, d-danni sofferti mill-atturi, inkluzi d-danni kawza tad-dizabilita` permanenti li sofriet l-attrici Anne Fiona maghrufa bhala Fiona Dowling bhala konsegwenza tal-incident stradali fuq imsemmi;

(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma hekk likwidata in linea ta` danni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta` Ottubru, 2001 u bl-imghax legali kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha huwa eccepixxa illi:

1. It-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba illi l-incident awtomobilistiku in

kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta` l-attrici Anne Fiona maghrufa bhala Fiona Dowling, kif jista` jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Rat id-digriet ta` dina l-Qorti tal-1 ta` Marzu, 2005, li, in forza tieghu hatret bhala esperti medici lil Mr. Antoine Zrinzo, neurologu, lil Ms. Joan Camilleri, clinical physiologist, Mr. Carmel Sciberras, orthopedic surgeon, u Dr. Mario Tabone, optalmologu, sabiex kull wiehed skond il-kompetenza tieghu, jirrelataw fuq id-dizabilita` permanenti allegata mill-attrici;

Rat ir-rapporti ipprezentati u mahlufa rispettivament minn Mr. Antoine Zrinzo fit-23 ta` Mejju, 2006, u fl-4 ta` Ottubru, 2006, minn Miss Joan Camilleri fl-20 ta` Gunju, 2005, u fis-27 ta` April, 2006, minn Mr. Carmel Sciberras fl-20 ta` Gunju, 2005, u fil-11 ta` Settembru, 2006, u minn Dr. Mario Tabone fl-24 ta` April, 2006, u fil-15 ta` Mejju, 2006;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi dan il-kaz jikkoncerna incident tat-traffiku li sehh fil-lejl bejn it-30 u l-31 ta` Awissu, 2000. L-attrici Fiona Dowling kienet qed issuq vettura tat-tip Volkswagen Polo mid-direzzjoni ta` St. Andrews ghal Paceville. Hi kienet qed isuq fuq il-karreggjata taghha tat-triq. Il-konvenut kien qed

isuq vettura BMW bin-numru tar-registrazzjoni OO 445699 u kien qed isuq fid-direzzjoni opposta. Il-vettura BMW misjuqa minnu kienet left-hand drive. Ghal xi raguni l-konvenut tilef il-kontroll tal-karozza tieghu, inqaleb, mar fil-lane tal-attrici, u baqa` diehel go fiha. Jirrizulta li l-vettura tal-konvenut spiccat maqluba rasha l-isfel fil-haxix; il-karozza bdiet taqbad u ma nfethet ebda airbag. Ghal ewwel il-konvenut Caruana ma riedx jammetti li kien hu li kien qed isuq il-BMW, u informa lis-sid l-vettura, certu Raimondo Valerio Corradi, biex jghid li kien hu li kien involut fl-incident. Fil-fatt, dan is-Sur Corradi, ghal ewwel, hekk stqarr mal-Pulizija, izda l-ghada il-konvenut kellu ripensament u mar jistqarr mal-Magistrat Inkwerenti li kien hu li, fil-fatt, kien habat fil-vettura tal-attrici.

Zewg persuni li kienu fuq il-lok tal-incident wkoll ikkonfermaw li kien il-konvenut li kien qed isuq il-BMW li kienet involuta fl-incident. Brigette Perignon, li tigi oht l-attur Dirk Dowling, waslet fuq il-post tal-incident u rat lill-konvenut, li kienet tafu, hdejn il-karozza BMW li kienet qed taqbad. Dan kien qed iwaqqaf it-traffiku u jkellem lin-nies; kien jidher li kien fi stat ta` paniku. Din ippruvat tkellem lill-konvenut, izda dan ma semmahiex. Aktar `l fuq fit-triq, rat li involuta fl-incident kien hemm il-mara ta` huha.

Xhud iehor, John Carreia, kien qed isuq fl-istess direzzjoni wara l-attrici meta ra mill-faccata dawl ta` karozza ohra li kienet qiesha qed tipprova tissorpassa vettura ohra. F`daqqa wahda ra d-dawl ta` dik il-karozza jersaq lejn il-lemin taghha, u ra dik il-vettura tinqaleb u tispicca f`foss li kien hemm ma genb it-triq. Qabel ma dik il-vettura spiccat fil-foss kienet laqtet wahda mill-karozzi li kienu quddiemu. Hu waqaf biex jara x`gara u innota li l-karozza li kienet quddiemu u kienet giet milquta kienet vettura Polo kulur abjad, waqt li l-karozza l-ohra li spiccat fil-foss tan-naha tieghu tat-triq kienet BMW ukoll ta` kulur abjad. Hu ra wkoll li fil-Polo kien hemm mara li kienet mitlufa minn sensieha, u cempel lill-Pulizija. Ma setax jersaq lejn il-BMW ghax din kienet qabdet. Ghal ewwel dan ix-xhud ma seta` jara lil hadd hdejn il-BMW, pero`, meta rega` ressaq lejn il-Polo, ra ragel u staqsieh jekk kienx hu li kien

qed isuq il-BMW; dak ir-ragel qallu iva u x-xhud gharfu bhala l-konvenut f`din il-kawza. Dan ix-xhud kien ukoll hejja sketch kif jaf hu ta` kif gara l-incident.

Din il-Qorti, meta analizat il-provi, m`ghandha ebda dubju li responsabbli ghall-incident huwa l-konvenut. L-attrici kienet qed isuq fil-lane taghha b`velocita` normali, waqt li kien il-konvenut li mid-direzzjoni opposta qabez il-linja tan-nofs, dahal fil-lane tal-attrici, hu laqatha. Hu jghid li ra hafna dawl kontra tieghu, u ma jafx x`gara izjed: jew laqtu xi hadd jew skiddja, u l-karozza tieghu bdiet idur sakemm laqat lill-vettura tal-attrici u spicca fil-foss hdejn it-triq. Hu ma setax jghid dwar l-ispeed tieghu.

Mill-isketch li hejja l-Perit Richard Aquilina, mahtur mill-Magistrat Inkwerenti biex jassistiha fl-inkjesta, jirrizulta li l-konvenut halla *brake-marks* twal li bdew mill-karreggjata tieghu u, b`mod angolat, qasmu t-triq sakemm waqfu fejn sehh l-incident in-naha tat-triq fejn kienet qed isuq l-attrici. Mad-daqqa l-vettura tal-attrici giet spustata lejn il-genb, ‘l barra mit-triq. Il-*brake marks* li halla warajh il-konvenut huma twal ftit aktar minn hamsa u tlettin metru li jindika speed ta` madwar 95 k.f.s. Id-daqqa kbira li hadet il-karozza tal-attrici, il-hsarat kbar li din garbet, u l-fatt li din giet spostata lateralment ‘l barra mill-karreggjata, jindikaw ukoll l-ispeed qawwi u esagerat li kien ghaddej biha l-konvenut. Quddiem l-espert tat-traffiku mahtur mill-Magistrat Inkwerenti, l-konvenut ammetta li xorb kellu, izda mhux eccessiv.

Il-Qorti tqies li s-sewqan tal-konvenut kien negligenti, zgarbat u sahansitra perikoluz. Jidher li ma kellux kontrol shih tal-karozza tieghu, u ma kienx attent ghas-sewqan. Il-fatt li mill-faccata kien gej dawl abbaljanti mhiex raguni li l-BMW kellha tmur in-naha l-ohra tat-triq, u taghmel l-istragi li ghamlet. Jekk id-dawl kien jghamieh, il-konvenut kellu jieqaf jew jisslowja l-vettura sakemm ikun fi stat li jara t-triq quddiemu, u mhux jibqa` jsuq bl-addocc u bla kont. L-ispeed sfrenat li bih kien ghaddej poggieh f`sitwazzjoni li mal-anqas intopp jitlef kull kontroll tal-karozza li kien qed isuq. Ma jidhirx li hemm gustifikanti ghas-sewqan tal-konvenut u, kwindi, ghandu jitqies

unikament responsabbli ghall-incident u ghall-griehi li garbet l-attrici.

Il-fatt li l-konvenut ma ikkontestax il-kawza li s-socjeta` assikuratici tal-atturi fethet kontra tieghu biex tirkupra l-flus li hi halset lill-attrici ghall-hsarat li sofriet il-Polo (total ta` Lm4,063), jikkonferma l-fatt li hu stess qies li l-incident sehh tort tieghu. F`dik il-kawza, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet, fil-kontumacia tal-konvenut u wara li l-kapitolu prezentat baqa` mhux kontestat, sabet lill-konvenut responsabbli ghall-incident minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku, u dan bis-sentenza taghha fl-atti tal-Avviz numru 347/02 moghtija fit-28 ta` Gunju, 2002.

B`rizultat ta` dan l-incident, l-attrici sofriet diversi hsarat personali u anke debilita` personali. Bhala *damnum emergens*, l-attrici resqet lista` ta` spejjez li ghamlet li jlahqu total ta` Lm934.66. Il-Qorti ezaminat din l-*istatement* u tqies li, trattandosi tan-natura tal-incident, l-ispejjez huma gustifikati u ghandhom jinghataw lura lill-attrici peress li huma spejjez inkorsi minnha bhala rizultat tal-griehi li garbet konsegwenza tal-incident in kwistjoni. Kwindi, bhala *damnum emergens*, l-atturi kienu intitolati ghar-rifusjoni tas-somma ta` Lm934.66.

Ghal kalkolu ta` *lucrum cessans* jirrizulta li l-attrici kellha 40 sena meta sehh l-incident. Kient tahdem part-time mal-Kummissjoni Gholja Ingliza u kellha dhul ta` Lm2,390 fis-sena. L-attrici sofriet hsarat kbar minhabba l-incident: sofriet diversi problemi neurologici, problemi orthopaedici, danni f`wiccha u anke diplopia (*double vision*). Dawn il-problemi gew ezaminati u stmati minn diversi tobba esperti fil-materja, u l-percentagg ta` dizabilita` li kull wiehed minnhom attribwixxa lill-attrici huwa ta` 22%, minn Dr. Anthony Galea Debono ghal problemi neurologici, 20%, minn Dr. Charles Grixti ghal problemi orthopedici, 25%, minn Mr. J.E. Briffa ghal griehi li kellha f`wiccha, u 8%, minn Dr. Mallia ghal diplopia. Dr. Galea Debono xehed li dawn id-dizabilitajiet huma indipendenti minn xulxin u ghandhom jigu maghduda; b`hekk, hu ikkonkluda li d-dizabilita` permanenti li garbet l-attrici ghandu jitqies li

hu ta` 75%. L-istess attrici kienet giet ezaminata ukoll minn Mr. Frederick Zammit Maempel, mahtur ghal dak il-ghan mis-socjeta` assikurattrici tal-vettura misjuqa mill-konvenut. Dan, meta qies il-griehi kollha li sofriet l-attrici, wasal ghal konkluzzjoni li d-dizabilita` permanenti tal-attrici ghandu iwassal ghal 47%.

Il-Qorti, peress li l-griehi tal-attrici huma varji u jaqghu fil-kompetenza ta` diversi tobba specjalizzati fil-materja, wara talba tal-konvenut dehrilha li kellha tahtar esperti medici biex jirrelataw dwar id-dizabilita` tal-attrici. Ir-rapporti medici prezentati jindikaw li, mill-aspett neurologiku, l-attrici qed issofri minn dizabilita` permanenti ta` 47%, ghandha dizabilita` permanenti ta` 20% mal-lat psikologiku, dizabilita` permanenti ta` 6% mill-aspett ortopediku, u dizabilita` permanenti ta` 3% mil-lat optalmologu.

Il-Qorti tibda` biex tinnota, fl-ewwel lok, li hi ma taqbilx mat-tezi attrici li l-varji percentaggi ta` dizabilita` ghandhom jigu maghduda. F`kazijiet bhal dawn, ghandu jigi adoperat dak maghruf bhala *"weighted average"*. Meta wiehed jikkomputa d-dizabilita` totali din trid tigi konsiderata in relazzjoni mal-persuna fizika shiha minghajr ebda presunzjoni a priori li multiplicita` ta` feriti jigu komputati komplessivament. F`kazijiet simili ghandu jittiehed bilanc fir-rizultanzi ta` l-esperti medici biex dan ikun jirrifletti ahjar is-sitwazzjoni reali. Dan qed jinghad fid-dawl ta` dak li osservat din il-Qorti fil-kawza <u>"Caruana vs Camilleri"</u>, deciza fil-5 ta` Ottubru, 1993, fis-sens illi *"dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta` nkapacita` f`sens purament mediku, izda l-effetti li l-hsara personali ghandha fuq il-qliegh tad-danneggjat"*.

Ghal kull buon fini, kif spjegat fid-decizjoni <u>"Dalmas vs Ghigo et"</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta` Frar, 1980, *"il-fatt li sa issa ghadha mpjegata bhal qabel ma ghandux inaqqas mid-dritt taghha ghal kumpens ghalhiex il-menomazzjoni li ghandha ghad tfixkilha fl-impieg taghha u ma tista` qatt tkun au pair ma` impjegati ohra fl-istess kategorija. Din il-menomazzjoni tincidi b`mod rilevanti fuq il-patrimonju taghha"*. Gie infatti

osservat ukoll illi *"d-dizabilita` timplika nuqqas ta` opportunitajiet ta` xoghol alternattiv u dan in-nuqqas ta` ghazla huwa ta` zvantagg u wisq probabbli jikkaguna nuqqas ta` opportunitajiet ta` qliegh ahjar f`xoghol addattat ghal min m`ghandux dizabilita` fizika"* – "Gatt vs Carbone noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta` Lulju, 1998.

Dwar l-isfregju li l-attrici sofriet f`wiccha, jinghad li *"fil-waqt li huwa veru li din it-tip ta` dizabilita` mhux se twaqfu milli jahdem, pero`, taghlaqlu l-opportunita` ghal diversi possibilitajiet ta` xoghol u ghalhekk ma jistax ma jigix ikkunsidrat l-aspett ta` lucrum cessans"* – "Zerafa vs Sacco", deciza minn din il-Qorti fl-1 ta` Ottubru, 2003.

Fid-dawl ta` dawn il-konsiderazzjonijiet, u wara li l-Qorti qieset ir-rapporti medici, u l-effetti li, b`mod prattiku, u psikologiku, il-hsarat jista` ikollhom fuq il-hajja lavorattiva tal-attrici, tasal biex tadotta dizabilita` permenenti ta` 55%.

Fil-kalkolu tal-*multiplier*, wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni, mhux il-*life expectancy* tal-vittma, izda l-hajja lavorattiva tieghu, in-natura u s-sahha tieghu – li tista` tvarja minn bniedem ghal bniedem minhabba dawk ic-cirkustanzi, li jissejhu *the chances and changes of life*. Il-*multiplier* m`ghandux, fi kliem iehor, ikun bazat fuq l-aspettativa tal-hajja in generali tad-danneggjat, izda fuq l-aspettativa lavorattiva tieghu u ghandu jiehu in konsiderazzjoni tac-*chances and changes of life* – "Butler vs Heard", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-22 ta` Dicembru, 1967 (ara wkoll "Agius vs Fenech", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-29 ta` Ottubru, 2003). Il-Qorti tqies li ghandha tadotta *multiplier* ta` 15.

Ghar-rigward tal-qliegh tal-attrici, mehud kont ta` possibilita` ta` avanzi fil-karriera taghha, u ta` ziedet fis-salarji li regolarment jinghataw minhabba ziedet fir-rata ta` l-inflazzjoni, pero`, mehud kont tal-fatt li l-attrici kienet qed tahdem part-time u mhux indikat li hi tista` taghmel xoghol fuq bazi full time, il-Qorti tqies li ghandha timxi fuq dhul annwali ta` Lm5,000, mil-liema somma m`ghandu jsir ebda tnaqqis, la minhabba hlasijiet ta` Income Tax (ara

"Muscat vs Schembri", deciza minn din il-Qorti fis-27 ta` Jannar, 1972), u lanqas minhabba hlasijiet ta` P.A.Y.E. jew ta` kontribuzzjonijiet tas-sigurta` nazzjonali (ara "Caruana vs Farrugia", deciza minn din il-Qorti fit-23 ta` Novembru, 1983).

B`hekk il-kumpens dovut lill-attrici ghandu jinhadem hekk:

Lm5,000 x 15 x 55% = Lm41,250

Peress li dan l-incident sehh fis-sena 2000, u l-kumpens se jinghata f`somma wahda u f`daqqa, ghandu jsir tnaqqis ta` 10% minhabba *lump sum payment*. B`hekk, il-kumpens dovut hu ta` Lm37,125.

B`kollox, allura, dak li jrid jinghata lill-attrici jammonta ghal Lm38,060.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi wara li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa` t-talbiet attrici, u ghal fini tat-tieni u t-tielet talba, tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici in linea ta` danni s-somma ta` Lm38,060 (tmienja u tlettin elf u sittin liri Maltin) bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------